**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Jannar 2015**

**Pulizija**

**Spettur Yvonne Farrugia**

**Vs**

**Joanne Sciberras**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Joanne Sciberras, ta' 36 sena, bint Luciano Sciberras u Felicissima nee' Falzon, imwielda Attard, fl-20 ta' Lulju 1978 u li toqghod f'25, Sammar Place, Triq ir-Rebha, Gzira, detentrici tal-karta tal-identita' maltija bin-numru 388178 M;

Talli, bejn il-perjodu ta' Gunju 2012 u Ottubru 2013, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Approprijat ruhha billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta’ David Borg minn Haz-Zabbar, liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

2) U talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi write haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta’ David Borg minn Haz-Zabbar;

3) U b’hekk, Joanne Sciberras saret recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Magistrat Doreen Clarke fit-12 ta’ Marzu 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputata b'bod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata kif ukoll wara li hadet in konsiderazzjoni illi l-mertu ta' din il-kawza gie mhallas lill –parte civile indikat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tpoggiha taht ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**